KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 387

It-Tlieta 14 t'April 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi inżammet *online* minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti relatati mal-Covid-19, u skond id-Direttiva 2/2020 punt 4.5.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Kulħadd kien preżenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**387.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**387.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 386. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**387.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**387.2.2** 386.2.4 Is-Sindku qal li l-Kumitat għat-tismija tat-toroq:

- qabel mal-proposta tal-Kunsill rigward in-numerar tal-bibien fi Triq Dun Manwel Zammit,
- Talab għal isem propost fuq dik il-biċċa ta' triq k/m Triq Dun Manwel Zammit;
- Ma qabilx mal-proposta tal-Kunsill rigward in-numerar fi Triq Sta. Margerita u lanqas mal-proposta dwar Triq Ramija. Skond il-kumitat fejn hemm iżjed minn triq waħda b'dan l-isem, hemm anomalija li għandha tissewwa kemm jista' jkun malajr.

Il-Kumitat qiegħed jipproponi li tinstab soluzzjoni biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu mogħtija n-numri lill-bibien f'dawn it-toroq fejn diversi residenti li joqogħdu f'dawn it-toroq ilhom zmien twil jagħmlu kuntatt magħhom biex jingħataw in-numri tal-bibien.

Is-Sindku propona li wara li s-sitwazzjoni preżenti tiġi għan-normal, tissejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' dawn it-toroq. F'din il-laqgħa jkunu mistiedna anka l-membri tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, fejn ikunu jistgħu jiġu diskussi l-proposti msemmija peress li l-istess Kumitat qiegħed iressaq it-talba għal bdil tal-isem fi Triq Ramija. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qablet anke minħabba li l-Kunsill qatt ma rċieva talbiet simili mir-residenti. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandna nikkunsidraw li bidla fl-isem tat-triq jew fin-numerar tinvolvi bdil f'dokumenti, posta, kontijiet eċċ u dan żgur joħloq inkonvenjent lir-residenti. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tal-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti.

**387.2.3** 386.2.6 Is-Sindku informa li l-attivitajiet li kien jonqos ta' Jum is-Siġġewi kellhom jiġu kkanċellati minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija.
Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-kompetizzjoni tat-tpenġija ma ġietx ikkanċellata iżda sospiża għal meta s-sitwazzjoni tiġi għan-normal. Hija qalet li diġa ġiet avżata l-kap tal-iskola dwar dan.

**387.2.4** 386.5 Is-Sindku informa li l-Mixegħla tradizzjonali bil-fjakkoli kellha wkoll tiġi mħassra minħabba s-sitwazzjoni preżenti. Huwa qal li is-Salib inxtegħel bil-floodlighting bħas-soltu u dan sar bħala rispett lejn iż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira u anka bħala messaġġ ta' tama f'dan iż-żmien diffiċli. Huwa qal li saru avviżi biex ma jkunx hemm akkumulu ta' nies u ġew ordnati żewġ uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva intlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti li setgħu jammiraw is-Salib tal-Għolja minn fuq il-bjut ta' darhom stess.

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienux laħqu saru xi spejjez li wara ma ntużawx għal din l-attivita'. Is-Sindku wieġeb li ma kienux laħqu saru spejjeż peress li din l-attivita ġiet imħassra fil-ħin. L-ispejjeż jirrigwardjaw l-affarijiet li saru, u allura il-floodlighting, il-pulizija, kiri ta' generator u tindif taż-żona.

**387.2.5** 386.4.1 Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk il-press release kinetx intbagħtet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv.

**387.2.6** 386.11.1 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni għal proġett Achievers ġiet aċċettata. Il-kunsilliera Francine Farrugia qalet li saret talba biex l-attivita' tiġi posposta għal Settembru jew meta s-sitwazzjoni tiġi għan-normal.

**387.2.7** 386.11.4 Il-Kunsillier Julian Borg qal li kien diga' għamel diversi tentattivi biex jiltaqa' mal-Kuntrattur iżda s'issa għadhom ma ltaqgħux. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk f'dan il-proġett hemmx inklużi xi tip ta' *traffic calming measures* fit-triq ta' San Niklaw peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm inklużi ammont ta' *chevrons*.

**387.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**387.3.1** Is-Sindku preżenta komunikat mill-Green Mt datat 8t'April. Il-komunikat jgħid li minħabba li l-ammont ta' skart riċiklabbli miġbur naqas drastikament, is-servizz mhux sostenibbli biex jibqa' jingħata darbtejn f'ġimgħa. Għalhekk mit-8 ta' Mejju, il-ġbir tal-borża l-griża nhar ta' Ġimgħa ser jiġi sospiż.

Is-Sindku qal li dan il-komunikat ġie mgħoddi lill-Avukat tal-Kunsill, anka peress li fil-ftehim iffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt jistabbilixxi li l-borża tinġabar darbtejn f'ġimgħa. L-avukat issuġġerixxa li f'dan l-istadju, il-Kunsill jinfurmahom minnufih li ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni għax dan ser jagħti messaġġ ħażin lir-residenti, wara kampanja edukattiva tul l-aħħar snin.

**387.3.2** Is-Sindku informa li minħabba li bħalissa l-maġġor parti tar-residenti qegħdin id-dar, is-servizz ta' ġbir ta' skart ġie provdut ukoll nhar il-Ġimgħa 10t'April 2020, fil-Ġimgħa l-Kbira, kemm għal ġbir tal-borża l-griża u anka l-bajda.

**387.3.3** Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-contracts Manager saret laqgħa mat-tlett ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Huwa qal li din il-laqgħa kienet produttiva ħafna. Ħareġ il-fatt li peress li ma kellhomx għodda kienu limitati fl-eżekuzzjoni tax-xogħol tagħhom. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jinxtara generator u jigger. Is-Sindku propona li l-ħaddiem G.Grech jingħata allowance ta' €80 fix-xahar bħala rifuzjoni għall-użu tal-vettura bħaż-żewġ ħaddiema l-oħra. Il-Kunsill unanimament approva.
Il-Kunsillier Dominic Grech talab li jibda jingħata rendikont tax-xogħol li jkunu wettqu bejn Seduta u oħra.

**387.3.4** Is-Sindku qal li l-kumpanija TCTC kienet qed tiproponi korsijiet online għall-adulti għal tagħlim bażiku ta' IT u użu ta' internet. Il-ftehim propost huwa ta' €250 għal reklamar u promozzjoni u €500 għal 50 parteċipant. L-applikanti jħallsu €12 kull wieħed lil TCTC. Is-Sindku qal li minn informazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, parteċipazzjoni ta' 50 ruħ mhix daqshekk faċli speċjalment jekk ma jattendux fiżikament, allura jiproponi li isir il-ftehim għal 25 ruħ. Il-Kunsill qabel unanimanent.

**387.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**387.5 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019**

Is-Sindku rrefera għar-Rapport Amministrattiv, li kopja tiegħu kienet intbagħtet diġa lill-Kunsilliera. Is-Sindku rreveda r-rapport flimkien mal-Kunsilliera. Il-kunsilliera Alessia psaila zammit qalet li għad hemm rapporti ta' xi Kunsilliera mhux inklużi. Is-Sindku talab li min għandu jgħaddu r-rapport tal-ħidma tiegħu għas-sena 2019 għandu jagħmel dan mingħajr iktar dewmien. Huwa talab l-approvazzjoni tar-rapport. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit issekondat. Il-Kunsill approva unanimament.

**387.6** **Kuntratti**

*Tender LCS7/2020 – Works tender for the reconstruction of rubble walls in Siggiewi under Measure 4.4 of the European Fund for Rural development*.
Is-Sindku qal li ġew sottomessi 5 offerti. Huwa talab lill-membri tal-bord tal-Evalwazzjoni biex jiftehmu data u ħin biex jibda jiġi evalwat it-tender.

**387.7** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq:

**387.7.1** PC/00013/20
*Site at Triq It-Tabib Nikol Zammit, Triq L-Imdina, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi*
*"Change in building and front garden alignment at Triq it-Tabib Nikol Zammit"*

Il-Kunsill qabel li jiġu kkonsultati l-Perit u l-Avukat tal-Kunsill biex tiġi fformulata sottomissjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Draft tas-sottomissjoni għandha tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera kollha qabel tintbagħat. Is-Sottomissjoni għandha tintbagħat sat-28 t'April 2020.

**387.7.2** PA/01872/20
*Bottle to Bottle, Triq San Nikola, Siggiewi*
*Proposed extension of outdoor catering area Class 4C on public open space comprising of tables and chairs*
Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li bil-għajnuna tal-perit tal-Kunsill issir sottomissjoni bil-punti simili għal applikazzjoni li kienet saret snin ilu ta' bar fi Triq San Nikola. Draft tas-sottomissjoni għandha tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera.

**387.8** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**387.8.1** Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet dwar korrispondenza mingħand it-Tribunal tal-Ambjent u l-Ippjanar, u għall-liema applikazzjonijiet kienu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawk huma notifiki dwar appelli għal PA/01958/19 u PA/07335/19.

**387.8.2** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet dwar korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għal Fondi u programmi bis-suġġett 'Programm għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-korrispondenza hija avviż lil min għandu ftehim għal proġetti li jiskadu f'Marzu 2020 biex jissottometti *Change Request* għal estensjoni. Hija wieġbet ukoll li fil-każ tal-Proġetti tal-Kunsill tas-Siġġiewi din diġa kienet ġiet sottomessa u approvata.

**387.9** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**387.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**387.10.1** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet iktar dettalji dwar pagament ta' I.Borg. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan kien xogħol ta' tiswija fil-bankini ta' Triq ta' Brandin u Triq Sta. Margerita.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**387.11 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**387.11.1** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet meta ser isir ix-xogħol ta' nstallazzjoni ta' mirja tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li x-xogħol skedat għat-Tlieta 21 t'April.

**387.11.2** Il-Kunsillier Dominic Grech ġibed l-attenzjoni ta' ħajt tas-sejjiegħ perikoluż ma' proprjeta' privata fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi li diġa ġġarraf parti minnu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li diġa sar rapport formali għand il-Pulizija biex tittieħed l-azzjoni neċessarja. Huwa saħaq li mill-iktar fis jitpoġġew barriers u dawl biex nevitaw kull periklu li jista' jkun hemm.

**387.11.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qegħda f'komunikat mad-direttorat tal-anzjani biex isiru attivitajiet *online* biex l-anzjani u mhux biss li qegħdin id-dar iżommu ruħhom okkupati.

**387.11.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li qegħda f'komunikat mad-direttorat rigward *vouchers* għat-tiswija ta' qtates fil-lokalita'.

**387.11.5** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit irreferiet għall-komunikat li intbagħat mill-uffiċċju lill-Kunsilliera kollha rigward tqassim ta' xirjiet mill-Malta Trust Foundation lil nies fil-bżonn fil-lokalita'. Hija saqsiet lil min qed jitqassmu dawn ix-xirjiet. Is-Sindku wieġeb li s'issa inġabret xirja waħda biss u l-isem ta' min ser jibbenefika jkun imwaħħal max-xirja partikolari. Ser jingħataw iktar fil-ġimgħat li ġejjin. Ix-xirjiet se jitqassmu mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**387.12 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 11 ta' Mejju 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv